Il-Ġurnal Uffiċjali
tal-Unjoni Ewropea

MT
Is-serje L

2026/557

3.6.2026

# REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2026/557

**tas-16 ta' Marzu 2026**

**li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2024/3110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jiddetermina klassijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tal-karatteristika essenzjali tar-reżistenza għan-nar**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2024/3110 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' Novembru 2024 li jistabbilixxi regoli armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 5(5), it-tielet subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Sabiex il-manifatturi jkunu jistgħu jiddikjaraw klassijiet dettaljati biżżejjed ta' prestazzjoni tal-prodotti fiż-żona armonizzata stabbilita skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) 2024/3110, jeħtieġ li jiġu stabbiliti klassijiet ta' prestazzjoni li jkunu allinjati mal-aħħar żviluppi teknoloġiċi u tas-suq.

(2) Il-klassijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tal-karatteristika essenzjali tar-reżistenza għan-nar ġew stabbiliti bir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1681 ([2]) abbażi tar-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Madankollu, dawk il-klassijiet ta' prestazzjoni mhumiex applikabbli skont ir-Regolament (UE) 2024/3110. Għalhekk, sabiex tinżamm il-kontinwità tas-sistema, il-Grupp ta' Esperti tal-Acquis CPR ta parir lill-Kummissjoni biex tistabbilixxi l-istess klassijiet ta' prestazzjoni stabbiliti mir-Regolament Delegat (UE) 2024/1681.

(3) Jenħtieġ għalhekk li l-Kummissjoni tiddetermina l-klassijiet ta' prestazzjoni li għandhom jintużaw għad-dikjarazzjoni tal-karatteristika essenzjali tar-reżistenza għan-nar,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-klassijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tal-karatteristika essenzjali tar-reżistenza għan-nar tal-prodotti għandhom ikunu dawk stabbiliti fl-Anness.

([1]) ĠU L, 2024/3110, 18.12.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2024/3110/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2024/1681 tas-6 ta' Marzu 2024 li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill billi jistabbilixxi klassijiet ta' prestazzjoni fir-rigward tar-reżistenza għan-nar tal-prodotti għall-bini (ĠU L, 2024/1681, 13.6.2024, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2024/1681/oj).

([3]) Ir-Regolament (UE) Nru 305/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2011 li jistabbilixxi kondizzjonijiet armonizzati għall-kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti għall-bini u li jħassar id-Direttiva tal-Kunsill 89/106/KEE (ĠU L 88, 4.4.2011, p. 5, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2011/305/oj).

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, is-16 ta' Marzu 2026.

*Għall-Kummissjoni*
*Il-President*
Ursula VON DER LEYEN

*ANNESS*

A. SIMBOLI

Għall-finijiet ta' dan l-Anness, għandhom japplikaw is-simboli li ġejjin:

| | | |
|---|---|---|
| R | Kapaċità tat-tagħbija | |
| E | Integrità | |
| I | Iżolazzjoni | |
| W | Radjazzjoni | |
| M | Azzjoni mekkanika | |
| C | Għeluq awtomatiku | |
| C0-5 | Durabbiltà ta' għeluq awtomatiku: | |
| | Kategorija tal-użu (C) | Numru ta' ċikli |
| | 5 | ≥ 200 000 |
| | 4 | ≥ 100 000 |
| | 3 | ≥ 50 000 |
| | 2 | ≥ 10 000 |
| | 1 | ≥ 500 |
| | 0 | ≥ 1 |
| S | Tnixxija tad-duħħan (fil-kuntest tas-sistemi ta' ventilazzjoni)/Kontroll tad-duħħan (fil-kuntest tal-bibien) | |
| P | Kontinwità tal-provvista tal-enerġija u tas-sinjal taħt il-kurva tat-temperatura tal-ħin standard | |
| PH | Kontinwità tal-provvista tal-enerġija u tas-sinjal f'temperatura kostanti | |
| G/O | Resistenza għan-nugrufun | |
| K | Abilità tal-protezzjoni kontra n-nar | |
| T | Klassi tat-temperatura espressa f'temperatura massima tal-gass f'°C (temperatura operattiva) | |
| D | Tul tal-istabbilità taħt temperatura kostanti | |
| DH | Tul tal-istabbilità taħt il-kurva standard ħin-temperatura | |
| F | Funzjonalità tal-ventilaturi tad-duħħan u tas-sħana li jaħdmu b'mutur | |
| B | Funzjonalità tal-ventilaturi tad-duħħan u tas-sħana naturali | |

B. KLASSIJIET TA' PRESTAZZJONI FIR-RIGWARD TAL-KARATTERISTIKA ESSENZJALI TAR-REAZZJONI GĦAN-NAR TAL-PRODOTTI

**Ġenerali**

Id-definizzjonijiet, it-testijiet u l-kriterji tal-prestazzjoni rilevanti huma deskritti jew referenzjati bis-sħiħ fl-ispeċifikazzjonijiet tekniċi armonizzati rilevanti, fid-dokumenti Ewropej ta' valutazzjoni, u fil-klassifikazzjoni u l-istandards Ewropej tal-ittestjar tar-reżistenza għan-nar.

Jekk għal elementi asimetriċi l-klassi ddikjarata tal-element tkun valida biss minn naħa waħda, din l-informazzjoni tiġi pprovduta.

Il-klassifiki li ġejjin huma espressi f'minuti sakemm mhux speċifikat mod ieħor:

1. **Elementi li jifilħu t-tagħbija mingħajr funzjoni ta' separazzjoni tan-nar**

*Tabella 1*

| Tapplika għal | Ħitan, art, art elevata, soqfa, travi, kolonni, gallariji, passaġġi tal-mixi, u taraġ | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| R | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |

2. **Elementi li jifilħu t-tagħbija b'funzjoni ta' separazzjoni tan-nar**

*Tabella 2.1*

| Tapplika għal | Ħitan | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| RE | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| REI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| REI-M | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| REW | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |

*Tabella 2.2*

| Tapplika għal | Artijiet, soqfa, twieqi tas-soqfa, tamboċċi u kontraporti | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| RE | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| REI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| C | Il-klassifikazzjoni C tista' tiġi ddikjarata meta jitwaħħal apparat li jagħlaq waħdu u l-element jew il-prodott ma jkunx ingħalaq manwalment għall-fini tat-test.<br>B'mod fakultattiv, għad-durabbiltà tal-għeluq awtomatiku, il-klassifikazzjoni C tista' tiġi kkumplimentata biċ-ċifri 0 sa 5 skont il-kategorija tal-użu fejn ikun sar l-ittestjar taċ-ċiklu. | | | | | | | | | | |

*Tabella 2.3*

| Tapplika għal | Qigħan elevati | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| RE | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| REI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| *Noti* | Il-klassifikazzjoni ssir speċifika skont l-iskopertura. In-nuqqas tal-ittra tad-dežinjazzjoni "r" tirreferi għall-esponiment standard tal-kurva tat-temperatura/tal-ħin (reżistenza sħiħa għan-nar) filwaqt li l-preżenza tagħha tirreferi għall-attakk b'temperatura kostanti ta' 500 °C (esponiment imnaqqas). Sulari mgħollija li jissodisfaw l-espożizzjoni standard tal-kurva tat-temperatura/ħin għal ħin partikolari jitqiesu li jissodisfaw il-kundizzjonijiet ta' espożizzjoni mnaqqsa għal mill-inqas l-istess perjodu. | | | | | | | | | | |

3. **Prodotti u sistemi għall-protezzjoni ta' elementi li jerfgħu t-tagħbija**

*Tabella 3.1*

| Tapplika għal | Soqfa mingħajr resistenza indipendenti għan-nar |
|---|---|
| Valutazzjoni tal-kontribuzzjoni għar-reżistenza għan-nar tal-membri strutturali: Espress f'termini ta' klassifikazzjoni tal-element li jerfa' t-tagħbija li jkun qed jiġi protett. | |
| *Noti* | Metal-kriterji fir-rigward tan-nar "semi-naturali" jkunu sodisfaċenti, is-simbolu "sn" jiżdied mal-klassifikazzjoni. |

*Tabella 3.2*

| Tapplika għal | Kisjiet protettivi kontra n-nar (reattivi), twavel (ċangaturi u twapet), renderings (sprejs), kisi u skrins |
|---|---|
| Valutazzjoni tal-kontribuzzjoni għar-reżistenza għan-nar tal-membri strutturali: Espress f'termini ta' klassifikazzjoni tal-element li jerfa' t-tagħbija li jkun qed jiġi protett. | |
| *Noti* | Għall-kisi, jekk jissodisfa l-kriterji fir-rigward tal-kurva ta' "tiskin bil-mod", is-simbolu "IncSlow" jiżdied mal-klassifikazzjoni. |

## 4. **Elementi jew prodotti li ma jerfgħux tagħbija b'funzjoni li tissepara n-nar**

*Tabella 4.1*

| Tapplika għal | Partizzjonijiet (inklużi dawk li jinkorporaw porzjonijiet mhux insulati) u twieqi fissi | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI-M | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EW | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |

*Tabella 4.2*

| Tapplika għal | Soqfa mhux mgħobbija | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EW | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |

*Tabella 4.3*

| Tapplika għal | Barrieri tal-kavità | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| *Noti* | Il-klassifikazzjoni timtela b'indikazzjoni separata, jekk il-prodott jissodisfa t-test ta' esponiment f'daqqa għall-barrieri tal-kavità. | | | | | | | | | | |

*Tabella 4.4*

| Tapplika għal | Soqfa b'reżistenza indipendenti għan-nar | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| *Noti* | Il-klassifikazzjoni timtela billi jiġi indikat kif ġie ttestjat l-element, u tirreferi għal nar minn fuq "(a→b)" jew minn taħt "(b→a)" jew it-tnejn "(a↔b)". | | | | | | | | | | |

*Tabella 4.5*

| Tapplika għal | Faċċati (ħitan purtiera) u ħitan esterni (inklużi elementi bil-ħġieġ) | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EW | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| *Noti* | Il-klassifikazzjoni timtela b'"(i→o)"; "(o→i)"; jew "(i↔o)" biex tindika jekk l-element ġiex ittestjat u jissodisfax ir-rekwiżiti minn ġewwa biss; minn barra biss; jew miż-żewġ naħat rispettivament.<br>Iż-żieda tas-suffiss "ef" tindika li t-test sar fuq il-bażi tal-kurva tan-nar esterna. | | | | | | | | | | |

*Tabella 4.6*

| Tapplika għal | Barrieri tan-nirien mhux mekkaniċi għall-kanali tal-ventilazzjoni | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| *Noti* | Minbarra li jissodisfa r-rekwiżiti relatati mal-integrità (E), l-ostaklu tan-nirien mhux mekkaniku jrid ukoll:<br>(a) tiġi ttestjata miż-żewġ naħat; u<br>(b) jikseb rata massima ta' tnixxija ta' 360 $m^3/(m^2h)$ b'referenza għaż-żona trasversali nominali tal-kanal matul it-test tan-nar.<br>Ma hemm l-ebda klassifikazzjoni S għal dan il-prodott, peress li ma għandu l-ebda prestazzjoni tad-duħħan f'temperatura ambjentali.<br>"ve" u/jew "ho" jindikaw li l-prodott huwa maħsub biex jintuża għal użu vertikali u/jew orizzontali. | | | | | | | | | | |

*Tabella 4.7*

| Tapplika għal | Siġilli ta' penetrazzjoni | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| *Noti* | Il-klassifikazzjoni hija espressa f'termini ta' klassifikazzjoni tal-kostruzzjoni ta' appoġġ b'funzjoni li tissepara n-nar li tkun qed tiġi ppenetrata.<br>Il-klassifikazzjoni tas-siġilli tal-penetrazzjoni tal-pajpijiet titlesta biż-żieda ta' "U/U", "C/U", "U/C", jew "C/C" skont il-konfigurazzjoni tat-tarf tal-pajp ittestjata ġewwa l-forn u barra l-forn rispettivament (U – mhux ikkappjat; C – ikkappjat). | | | | | | | | | | |

*Tabella 4.8*

| Tapplika għal | Siġilli ta' penetrazzjoni kkombinati | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| *Noti* | Il-klassifikazzjoni hija espressa f'termini ta' klassifikazzjoni tal-kostruzzjoni ta' appoġġ b'funzjoni li tissepara n-nar li tkun qed tiġi ppenetrata.<br>Il-klassifikazzjoni timtela bil-klassifikazzjonijiet addizzjonali rilevanti tal-elementi kkombinati kif stabbiliti f'dan l-Anness. | | | | | | | | | | |

*Tabella 4.9*

| Tapplika għal | Siġilli tal-ġogi lineari | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| *Noti* | Il-klassifikazzjoni timtela biż-żieda tas-simboli<br>— "H", jew "V", jew "T" li jindikaw li l-klassifikazzjoni hija valida għall-orjentazzjoni korrispondenti (Kostruzzjoni ta' appoġġ orizzontali; Kostruzzjoni ta' appoġġ vertikali - ġonta vertikali; Kostruzzjoni ta' appoġġ vertikali - ġonta orizzontali rispettivament);<br>— "M", jew "F", jew "B" li jindikaw it-tip ta' ċombi (Manifatturati; Il-qasam; jew kemm manifatturati kif ukoll fuq il-qasam rispettivament);<br>— "X", jew "Mxxx" li tindika l-kapaċità ta' moviment (L-ebda moviment; jew Moviment indott (f'%) rispettivament), inkluż is-sottoskritt "lat" jew "shear" li jindika l-moviment indott;<br>— "W w1 sa w2" li tindika l-medda tal-wisa' tal-ġogi (f'mm) li għaliha l-kriterju tal-klassifikazzjoni huwa sodisfatt (w1 huwa l-wisa' t'isfel u w2 l-ogħla limitu tal-wisa'). | | | | | | | | | | |

*Tabella 4.10*

| Tapplika għal | Settijiet tal-bieb li jirreżistu n-nar, twieqi li jagħlqu (fil-ħitan u s-soqfa), tamboċċi u xaters li jistgħu jinfetħu (inklużi dawk li jinkorporaw ħġieġ, apparati tal-għeluq u hardware ieħor tal-bini) | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EW | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| $S_{200}$ | Għal elementi u prodotti li jkunu għaddew mill-kriterji ta' kontroll tad-duħħan skont il-kundizzjonijiet tat-test issodisfati. | | | | | | | | | | |
| $S_{a3}$ jew $S_{a4}$ | Għal elementi u prodotti li jkunu għaddew mill-kriterji ta' kontroll tad-duħħan skont il-kundizzjonijiet tat-test issodisfati. | | | | | | | | | | |
| C | Il-klassifikazzjoni C tista' tiġi ddikjarata meta jitwaħħal apparat li jagħlaq waħdu u l-element jew il-prodott ma jkunx ingħalaq manwalment għall-fini tat-test.<br>B'mod fakultattiv, għad-durabbiltà tal-għeluq awtomatiku, il-klassifikazzjoni C tista' tiġi kkumplimentata biċ-ċifri 0 sa 5 skont il-kategorija tal-użu fejn ikun sar l-ittestjar taċ-ċiklu. | | | | | | | | | | |
| *Noti* | Il-klassifikazzjoni EI timtela biż-żjieda tas-suffiss "1" jew "2" sabiex jiġi indikat liema definizzjoni ta' iżolament hija wżata.<br>Fil-każ meta l-klassifikazzjoni ma tkoprix it-tisħin kemm fuq il-wiċċ tal-għeluq kif ukoll fuq il-wiċċ tal-ftuħ, dan irid ikun indikat b'mod espliċitu fil-klassifikazzjoni.<br>Din it-tabella ma tinkludix jew ma tindirizzax prodotti għall-ventilazzjoni tad-duħħan.<br>Klassifikazzjoni addizzjonali tal-kontroll tad-duħħan ta' settijiet ta' bibien industrijali kbar hija possibbli għal limitu ta' tnixxija ta' 50 $m^3/h$. | | | | | | | | | | |

*Tabella 4.11*

| Tapplika għal | Għeluq għal ċineg ta' transport u sistemi ta' transport marbutin b'passaġġ fiss | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EW | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |

| Tapplika għal | Għeluq għal ċineg ta' transport u sistemi ta' transport marbutin b'passaġġ fiss |
|---|---|
| C | Il-klassifikazzjoni C tista' tiġi ddikjarata meta jitwaħħal apparat li jagħlaq waħdu u l-element jew il-prodott ma jkunx ingħalaq manwalment għall-fini tat-test.<br>B'mod fakultattiv, għad-durabbiltà tal-għeluq awtomatiku, il-klassifikazzjoni C tista' tiġi kkumplimentata biċ-ċifri 0 sa 5 skont il-kategorija tal-użu fejn ikun sar l-ittestjar taċ-ċiklu. |
| *Noti* | Il-klassifikazzjoni EI timtela biż-żjieda tas-suffiss "1" jew "2" sabiex jiġi indikat liema definizzjoni ta' iżolament hija wżata. Trid tiġi ġġenerata klassifikazzjoni EI f'każijiet fejn il-kampjun tat-test huwa konfigurazzjoni ta' pajp jew kanal mingħajr stima tal-għeluq għas-sistema tal-conveyor.<br>Il-kapaċità operattiva sostnuta ta' kwalunkwe apparat li jikklerja u/jew kwalunkwe apparat li jissepara għal sistema ta' trasportatur hija identifikata bl-użu ta' "T". |

*Tabella 4.12*

| Tapplika għal | Gradilji għat-trasferiment tal-arja | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EW | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| *Noti* | Jekk jissodisfa l-kriterji fir-rigward tal-integrità matul l-istat miftuħ, is-simbolu "reżistenti għall-fjamma" jiżdied mal-klassifikazzjoni.<br>Jekk jissodisfa l-kriterji fir-rigward tal-kurva "smouldering", is-simbolu "IncSlow" jiżdied mal-klassifikazzjoni. | | | | | | | | | | |

*Tabella 4.13*

| Tapplika għal | Passaġġi għal kanali u xaftijiet tas-servizzi | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| *Noti* | Il-klassifikazzjoni tindika kif ġie ttestjat l-element u tirreferi għal nar minn ġewwa "(i→o)" jew minn barra "(o→i)" jew għat-tnejn li huma "(i↔o)". Barra minn hekk, is-simboli, "ve" u/jew "ho" jindikaw li l-prodott huwa maħsub għal użu vertikali u/jew orizzontali. | | | | | | | | | | |

*Tabella 4.14*

| Tapplika għal | Ċmieni | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | G + distanza f'mm (eż. G 50) jew O + distanza f'mm (eż. O 50) | | | | | | | | | | |
| E | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |

| | | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| T (temperatura operattiva) fi °C | 80 | 100 | 120 | 140 | 160 | 200 | 250 | 300 | 400 | 450 | 600 |
| *Noti* | Id-distanza mhijiex meħtieġa għal prodotti inkorporati.<br>Il-klassifikazzjoni tindika kif ġie ttestjat l-element u tirreferi għal nar minn barra "(o→i)" jew għat-tnejn li huma "(i↔o)".<br>"ve" u/jew "ho" jindikaw li l-prodott huwa maħsub biex jintuża għal użu vertikali u/jew orizzontali. | | | | | | | | | | |

*Tabella 4.15*

| Tapplika għal | Kisi tal-ħitan u tas-soqfa | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| $K_1$ | 10 | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| $K_2$ | 10 | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| *Noti* | Is-suffissi "1" u "2" jindikaw liema substrati, kriterji ta' mġieba fin-nar u regoli ta' estensjoni huma wżati f'din il-klassifikazzjoni. | | | | | | | | | | |

5. **Prodotti għal użu f'sistemi ta' ventilazzjoni (eskluża l-ventilazzjoni għall-ħruġ tad-duħħan u tas-sħana)**

*Tabella 5.1*

| Tapplika għal | Kanali ta' ventilazzjoni li jirreżistu n-nar | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| S | 10 $m^3/(m^2h)$ rata massima ta' tnixxija b'referenza għall-erja tal-wiċċ tal-kanal matul it-test tan-nar. | | | | | | | | | | |
| *Noti* | Minbarra li jissodisfa r-rekwiżiti relatati mal-integrità (E), il-kanal irid jikseb ukoll rata massima ta' tnixxija ta' 15 $m^3/(m^2h)$ b'referenza għall-erja tal-wiċċ tal-kanal matul it-test tan-nar.<br>Il-klassifikazzjoni tindika kif ġie ttestjat l-element u tirreferi għal nar minn ġewwa "(i→o)" jew minn barra "(o→i)" jew għat-tnejn li huma "(i↔o)".<br>"ve" u/jew "ho" jindikaw li l-prodott huwa maħsub biex jintuża għal użu vertikali u/jew orizzontali.<br>Il-klassifikazzjoni trid tindika d-differenza fil-pressjoni użata fit-test. | | | | | | | | | | |

*Tabella 5.2*

| Tapplika għal | Barrieri tan-nar | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| S | 200 $m^3/(m^2h)$ rata massima ta' tnixxija b'referenza għaż-żona trasversali nominali tal-kanal matul it-test tan-nar:<br>(a) l-iżgħar daqs f'temperatura ambjentali;<br>(b) l-akbar daqs f'temperatura ambjentali u matul it-test tan-nar. | | | | | | | | | | |
| *Noti* | Minbarra li tissodisfa r-rekwiżiti relatati mal-integrità (E), il-barriera tan-nirien trid ukoll:<br>(a) tiġi ttestjata miż-żewġ naħat; u<br>(b) tikseb rata massima ta' tnixxija ta' 360 $m^3/(m^2h)$ b'referenza għaż-żona trasversali nominali tal-kanal matul it-test tan-nar.<br>"ve" u/jew "ho" jindikaw li l-prodott huwa maħsub biex jintuża għall-użu vertikali (per eżempju immuntat mal-ħajt) u/jew orizzontali (per eżempju immuntat mal-art).<br>"H" tindika barriera tan-nirien li kapaċi tissodisfa l-integrità (E), jew l-integrità u l-iżolament (EI) għall-perjodu ta' klassifikazzjoni b'assi jew ġeometrija orizzontali tax-xafra.<br>"V" tindika barriera tan-nirien li kapaċi tissodisfa l-integrità (E), jew l-integrità u l-iżolament (EI) għall-perjodu ta' klassifikazzjoni b'assi jew ġeometrija vertikali tax-xafra. | | | | | | | | | | |

6. **Prodotti li għandhom jintużaw f'installazzjonijiet ta' servizz ta' bini tal-elettriku, tal-kontroll tal-potenza u tal-komunikazzjoni**

*Tabella 6.1*

| Tapplika għal | Sistemi ta' protezzjoni min-nar għal sistemi ta' kejbil u komponenti assoċjati | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| P | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| *Noti* | Il-klassifikazzjoni trid tindika:<br>It-tip ta' kejbils li jistgħu jiġu installati fis-sistemi ta' protezzjoni min-nar, jiġifieri kwalunkwe kejbil standard jew kejbils speċifiċi biss; u l-konfigurazzjonijiet tal-kejbils li jistgħu jiġu protetti u l-vultaġġ operattiv kif ġej:<br>— jew għat-tipi kollha ta' kejbils tal-elettriku (vultaġġ nominali ta' 300/500 V) għal vultaġġ operattiv sa 230/400 V (AC trifażi);<br>— jew għat-tipi kollha ta' kejbils tal-elettriku (vultaġġ nominali ta' 450/750 V sa 0,6/1 kV) għal vultaġġ operattiv sa 400/690 V (AC bi tliet fażijiet);<br>— jew għat-tipi kollha ta' kejbils tas-sinjali/tal-kontroll (vultaġġ nominali sa 170 V) għal vultaġġ operattiv sa 110 V; jew<br>— kwalunkwe kombinazzjoni tal-possibbiltajiet ta' hawn fuq. | | | | | | | | | | |

*Tabella 6.2*

| Tapplika għal | Kejbils tal-elettriku, tal-kontroll tal-enerġija u tal-komunikazzjoni mhux protetti b'reżistenza intrinsika għan-nar | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| $P_{ca}$ | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| *Noti* | Għall-kejbils tal-elettriku u l-kejbils tal-kontroll, il-klassifikazzjoni trid tindika għal liema vultaġġ stmat il-kriterji tal-prestazzjoni huma ssodisfati. | | | | | | | | | | |

*Tabella 6.3*

| Tapplika għal | Kejbils żgħar tal-elettriku, tal-kontroll tal-potenza u tal-komunikazzjoni mhux protetti b'reżistenza għan-nar intrinsika (< 20 mm dijametru u b'daqsijiet tal-kondutturi ≤ 2,5 $mm^2$) | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| $PH_{ca}$ | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| *Noti* | Għall-kejbils tal-elettriku u l-kejbils tal-kontroll, il-klassifikazzjoni trid tindika għal liema vultaġġ stmat il-kriterji tal-prestazzjoni huma ssodisfati. | | | | | | | | | | |

7. **Prodotti li għandhom jiġu użati f'sistemi ta' kontroll tad-duħħan u tas-sħana**

*Tabella 7.1*

| Tapplika għal | Kanali ta' kontroll tad-duħħan b'kompartiment wieħed | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| $E_{600}$ | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| S | 5 $m^3/(m^2h)$ rata massima ta' tnixxija b'referenza għall-erja tal-wiċċ tal-kanal f'temperatura ambjentali u 5 $m^3/(m^2h)$ rata massima ta' tnixxija relatata mal-erja tal-wiċċ tal-kanal matul it-test tan-nar. | | | | | | | | | | |
| *Noti* | Minbarra li jissodisfa r-rekwiżiti relatati mal-integrità (E), il-kanal irid jikseb ukoll rata massima ta' tnixxija ta' 10 $m^3/(m^2h)$ b'referenza għall-erja tal-wiċċ tal-kanal matul it-test tan-nar.<br>Il-klassifikazzjoni timtela bis-suffiss "wieħed" għal prodotti maħsuba għal użu ta' kompartiment wieħed biss.<br>"ve" u/jew "ho" jindikaw li l-prodott huwa maħsub biex jintuża għall-użu vertikali u/jew orizzontali, fil-kompartiment.<br>"500", "1 000", "1 500" jindikaw li l-prodott huwa maħsub biex jintuża sa dawn il-valuri ta' pressjoni baxxa, imkejla f'Pa f'temperatura ambjentali. | | | | | | | | | | |

*Tabella 7.2*

| Tapplika għal | Kanali ta' kontroll tad-duħħan ta' aktar minn kompartiment wieħed | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| S | 5 $m^3/(m^2h)$ rata massima ta' tnixxija b'referenza għall-erja tal-wiċċ tal-kanal f'temperatura ambjentali u 5 $m^3/(m^2h)$ rata massima ta' tnixxija relatata mal-erja tal-wiċċ tal-kanal matul it-test tan-nar. | | | | | | | | | | |
| *Noti* | Minbarra li jissodisfa r-rekwiżiti relatati mal-integrità (E), il-kanal irid jikseb ukoll rata massima ta' tnixxija ta' 10 $m^3/(m^2h)$ b'referenza għall-erja tal-wiċċ tal-kanal matul it-test tan-nar.<br>Il-klassifikazzjoni timtela bis-suffiss "multi" għal prodotti maħsuba għal użu ta' aktar minn kompartiment wieħed.<br>"ve" u/jew "ho" jindikaw li l-prodott huwa maħsub biex jintuża għal użu vertikali u/jew orizzontali.<br>"500", "1 000", "1 500" jindikaw li l-prodott huwa maħsub biex jintuża sa dawn il-valuri ta' pressjoni baxxa, imkejla f'Pa f'temperatura ambjentali. | | | | | | | | | | |

*Tabella 7.3*

| Tapplika għal | Barrieri ta' kontroll tad-duħħan ta' kompartiment wieħed | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| $E_{600}$ | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| S | 200 $m^3/(m^2h)$ rata massima ta' tnixxija b'referenza għaż-żona trasversali nominali tal-kanal matul it-test tan-nar:<br>(a) l-iżgħar daqs f'temperatura ambjentali;<br>(b) l-akbar daqs f'temperatura ambjentali u matul it-test tan-nar. | | | | | | | | | | |
| *Noti* | Minbarra li tissodisfa r-rekwiżiti relatati mal-integrità (E), il-barriera tal-kontroll tad-duħħan b'kompartiment wieħed iridu wkoll:<br>(a) tiġi ttestjata miż-żewġ naħat;<br>(b) tgħaddi mill-manutenzjoni tat-test tal-ftuħ; u<br>(c) tikseb rata massima ta' tnixxija ta' 360 $m^3/(m^2h)$ b'referenza għaż-żona trasversali nominali tal-kanal matul it-test tan-nar<br>(1) l-iżgħar daqs f'temperatura ambjentali; u<br>(2) l-akbar daqs f'temperatura ambjentali u matul it-test tan-nar.<br><br>Il-klassifikazzjoni timtela bis-suffiss "wieħed" għal prodotti maħsuba għal użu ta' kompartiment wieħed.<br>"ved", "vew""vedw" u/jew "hod", "how""hodw" jindikaw li l-prodott huwa maħsub għal użu vertikali u/jew orizzontali, flimkien mal-muntaġġ f'kanal jew f'ħajt/art jew fit-tnejn rispettivament.<br>"H" tindika barriera tal-kontroll tad-duħħan f'kompartiment wieħed li kapaċi tissodisfa l-integrità (E) għall-perjodu ta' klassifikazzjoni b'assi jew ġeometrija orizzontali tax-xafra,<br>"V" tindika barriera tal-kontroll tad-duħħan f'kompartiment wieħed li kapaċi tissodisfa l-integrità (E) għall-perjodu ta' klassifikazzjoni b'assi vertikali tax-xafra jew ġeometrija.<br>"500", "1 000" u "1 500" jindikaw li l-prodott huwa maħsub biex jintuża sa dan il-valur ta' pressjoni baxxa f'Pa f'temperatura ambjentali.<br>"AA" tfisser għall-użu ma' applikazzjonijiet li jipprovdu attivazzjoni awtomatika, "MA" tfisser għall-użu ma' applikazzjonijiet li jeħtieġu intervent manwali jew li jipprovdu attivazzjoni awtomatika.<br>"$C_{300}$", "$C_{10\,000}$", "$C_{MOD}$" jew "$C_{300}$(N)", "$C_{10\,000}$(N)", "$C_{MOD}$(N)" jindikaw li l-prodott huwa maħsub biex jintuża f'sistemi ta' kontroll tad-duħħan biss, sistemi ta' kontroll tad-duħħan ikkontrollati bis-sħiħ u sistemi ta' kontroll tad-duħħan ikkombinati ma' sistemi ambjentali jew umidifikaturi ta' kontroll tad-duħħan maħsuba biex jintużaw fi kwalunkwe sistema li għandha pożizzjoni kkontrollata jew varjabbli, ittestjata taħt tagħbija, jew mingħajr tagħbija (N), rispettivament.<br>"HOT 400/30" (Temperatura Operattiva Għolja) tindika li l-umidifikatur għall-kontroll tad-duħħan b'kompartiment wieħed ġie soġġett għal test addizzjonali biex juri li għandu l-kapaċità li jinfetaħ u jingħalaq matul perjodu ta' 30 minuta ta' temperaturi sa 400 °C. | | | | | | | | | | |

*Tabella 7.4*

| Tapplika għal | Barrieri ta' kontroll tad-duħħan ta' aktar minn kompartiment wieħed | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| E | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| EI | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| S | 200 $m^3/(m^2h)$ rata massima ta' tnixxija b'referenza għaż-żona trasversali nominali tal-kanal matul it-test tan-nar:<br>(a) l-iżgħar daqs f'temperatura ambjentali;<br>(b) l-akbar daqs f'temperatura ambjentali u matul it-test tan-nar. | | | | | | | | | | |
| *Noti* | Minbarra li tissodisfa r-rekwiżiti relatati mal-integrità (E) jew l-integrità u l-iżolament (EI), il-barriera tal-kontroll tad-duħħan reżistenti għan-nar b'diversi kompartimenti jridu wkoll:<br>(a) tiġi ttestjata miż-żewġ naħat;<br>(b) tgħaddi mill-manutenzjoni tat-test tal-ftuħ; u<br>(c) tikseb tnixxija massima ta' ta' 360 $m^3/(m^2h)$ b'referenza għaż-żona trasversali nominali tal-kanal matul it-test tan-nar<br>(1) l-iżgħar daqs f'temperatura ambjentali; u<br>(2) l-akbar daqs f'temperatura ambjentali u matul it-test tan-nar.<br><br>Il-klassifikazzjoni timtela bis-suffiss "multi" għal prodotti maħsuba għal użu ta' aktar minn kompartiment wieħed.<br>"ved", "vew""vedw" u/jew "hod", "how""hodw" jindikaw li l-prodott huwa maħsub għal użu vertikali u/jew orizzontali, flimkien mal-muntaġġ f'kanal jew f'ħajt/art jew fit-tnejn rispettivament.<br>"H" tindika barriera tal-kontroll tad-duħħan b'diversi kompartimenti reżistenti għan-nar li kapaċi tissodisfa l-integrità (E), jew l-integrità u l-iżolament (EI) għall-perjodu ta' klassifikazzjoni b'assi jew ġeometrija orizzontali tax-xafra.<br>"V" tindika barriera tal-kontroll tad-duħħan b'diversi kompartimenti reżistenti għan-nar li kapaċi tissodisfa l-integrità (E), jew l-integrità u l-iżolament (EI) għall-perjodu ta' klassifikazzjoni b'assi jew ġeometrija vertikali tax-xafra.<br>"500", "1 000" u "1 500" jindikaw li l-prodott huwa maħsub biex jintuża sa dan il-valur ta' pressjoni baxxa f'Pa f'temperatura ambjentali.<br>"AA" tfisser għall-użu ma' applikazzjonijiet li jipprovdu attivazzjoni awtomatika, "MA" tfisser għall-użu ma' applikazzjonijiet li jeħtieġu intervent manwali jew li jipprovdu attivazzjoni awtomatika.<br>"$C_{300}$", "$C_{10\,000}$", "$C_{MOD}$" jew "$C_{300}$(N)", "$C_{10\,000}$(N)", "$C_{MOD}$(N)" jindikaw li l-prodott huwa maħsub biex jintuża f'sistemi ta' kontroll tad-duħħan biss, sistemi ta' kontroll tad-duħħan ikkontrollati bis-sħiħ u sistemi ta' kontroll tad-duħħan ikkombinati ma' sistemi ambjentali jew umidifikaturi ta' kontroll tad-duħħan maħsuba biex jintużaw fi kwalunkwe sistema li għandha pożizzjoni kkontrollata jew varjabbli, ittestjata taħt tagħbija, jew mingħajr tagħbija (N), rispettivament.<br>"HOT 400/30" (Temperatura Operattiva Għolja) tindika li l-umidifikatur tal-kontroll tad-duħħan reżistenti għan-nar b'diversi kompartimenti ġie soġġett għal test addizzjonali biex juri li għandu l-kapaċità li jinfetaħ u jingħalaq matul perjodu ta' 30 minuta ta' temperaturi sa 400 °C. | | | | | | | | | | |

*Tabella 7.5*

| Tapplika għal | Barrieri għad-duħħan | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| $D_{600}$ | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| DH | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |

*Tabella 7.6*

| Tapplika għal | Ventilaturi motorizzati għall-kontroll tad-duħħan u tas-sħana (fannijiet), inklużi konnetturi | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| $F_{200}$ | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| $F_{300}$ | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| $F_{400}$ | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| $F_{600}$ | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| $F_{842}$ | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |

*Tabella 7.7*

| Tapplika għal | Ventilaturi għad-duħħan u għall-egżost tas-sħana naturali | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| $B_{300}$ | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| $B_{600}$ | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| $B_{\vartheta}$ | | 15 | 20 | 30 | 45 | 60 | 90 | 120 | 180 | 240 | 360 |
| *Noti* | Fejn ϑ tindika l-kundizzjoni tal-espożizzjoni (temperatura), ogħla minn 300 °C.<br>Dawn il-prodotti huma ddisinjati biex jinfetħu f'każ ta' nar u ma jkollhomx klassifikazzjoni tal-integrità (E). | | | | | | | | | | |